Nru./No. 21,060
Prezz/Price
€6.66

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 26 ta' Mejju, 2023
Friday, 26th May, 2023

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

## SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 5797 - 5834
*Government Notices* ..... *5797 - 5834*

Avviżi tal-Pulizija ..... 5834 - 5838
*Police Notices* ..... *5834 - 5838*

Avviżi lill-Baħħara ..... 5838 - 5841
*Notices to Mariners* ..... *5838 - 5841*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 5841 - 5918
*Employment Opportunities* ..... *5841 - 5918*

Avviżi tal-Gvern ..... 5918 - 5925
*Notices* ..... *5918 - 5925*

Offerti ..... 5925 - 5932
*Tenders* ..... *5925 - 5932*

Avviżi tal-Qorti ..... 5932 - 5940
*Court Notices* ..... *5932 - 5940*

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 683**

### ĦATRA TAL-BORD TAL-FONDAZZJONI GĦAS-SERVIZZI TA' ĦARSIEN SOĊJALI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Prim Ministru approva l-ħatra tal-Bord tal-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali, kif ġej:

*President*
Is-Sur George Borg

*Membri*
Is-Sur Emanuel k/a Noel Abela
Is-Sur Anthony Agius Decelis
Dott. Karen Carachi
Is-Sa Marietta Cassar
Is-Sa Trischa Falzon
Is-Sa Rhoda Garland
Is-Sa Amanda Grech
Is-Sur Saviour Grima
Is-Sa Shirley Pulis Xerxen
Is-Sur Stephen Rizzo

Dawn il-ħatriet huma għal perjodu ta' sena b'seħħ mit-23 ta' Mejju, 2023.

Is-26 ta' Mejju, 2023

**Nru. 684**

### FORZI ARMATI TA' MALTA (FORZA REGOLARI)

IL-MINISTRU għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u L-Ugwaljanza għoġbu japprova l-promozzjoni tal-Uffiċjali hawn taħt imsemmija għar-rank ta' Kaptan b'seħħ mid-data li tinsab ħdejn isimhom.

| | |
|---|---|
| Logutenent Iona Muscat | 16 ta' Ġunju, 2021 |
| Logutenent Matthew Spiteri | 16 ta' Ġunju, 2021 |
| Logutenent Jean Pierre Mizzi | 16 ta' Ġunju, 2021 |
| Logutenent Nicholas Galea | 16 ta' Ġunju, 2021 |
| Logutenent Mark Philip Borg | 8 ta' Ġunju, 2022 |
| Logutenent Eric Bonello | 5 ta' Awwissu, 2022 |
| Logutenent Kayleigh Gelfo | 18 ta' April, 2023 |
| Logutenent Jessica Galea | 18 ta' April, 2023 |
| Logutenent Maria Gutiza | 18 ta' April, 2023 |
| Logutenent Lindsey Pirotta | 18 ta' April, 2023 |
| Logutenent Rick Dimech | 18 ta' April, 2023 |

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 683**

### APPOINTMENT OF THE BOARD OF THE FOUNDATION FOR SOCIAL WELFARE SERVICES

IT is notified for general information that the Prime Minister has approved the appointment of the Board of the Foundation for Social Welfare Services, as follows:

*President*
Mr George Borg

*Members*
Mr Emanuel k/a Noel Abela
Mr Anthony Agius Decelis
Dr Karen Carachi
Ms Marietta Cassar
Ms Trischa Falzon
Ms Rhoda Garland
Ms Amanda Grech
Mr Saviour Grima
Ms Shirley Pulis Xerxen
Mr Stephen Rizzo

These appointments are for a period of one year with effect from 23rd May, 2023.

26th May, 2023

**No. 684**

### ARMED FORCES OF MALTA (REGULAR FORCE)

THE Minister for Home Affairs, Security, Reforms and Equality has the pleasure to approve the promotion of the undermentioned Officers to the rank of Captain with effect from the date as shown against their names.

| | |
|---|---|
| Lieutenant Iona Muscat | 16th June, 2021 |
| Lieutenant Matthew Spiteri | 16th June, 2021 |
| Lieutenant Jean Pierre Mizzi | 16th June, 2021 |
| Lieutenant Nicholas Galea | 16th June, 2021 |
| Lieutenant Mark Philip Borg | 8th June, 2022 |
| Lieutenant Eric Bonello | 5th August, 2022 |
| Lieutenant Kayleigh Gelfo | 18th April, 2023 |
| Lieutenant Jessica Galea | 18th April, 2023 |
| Lieutenant Maria Gutiza | 18th April, 2023 |
| Lieutenant Lindsey Pirotta | 18th April, 2023 |
| Lieutenant Rick Dimech | 18th April, 2023 |

| | |
|---|---|
| Logutenent Christian Mifsud | 18 ta' April, 2023 |
| Logutenent Keith Xuereb | 18 ta' April, 2023 |
| Logutenent Mariah Zammit | 18 ta' April, 2023 |
| Logutenent Clayton Gomez Blanco | 9 ta' Mejju, 2023 |

Is-26 ta' Mejju, 2023

**Nru. 685**

**FORZI ARMATI TA' MALTA (FORZA REGOLARI)**

IL-MINISTRU għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u L-Ugwaljanza għoġbu japprova l-promozzjoni tal-Uffiċjali hawn taħt imsemmija għar-rank ta' Maġġur b'seħħ mid-data li tinsab ħdejn isimhom.

| | |
|---|---|
| Il-Kaptan Rene Aquilina | 4 ta' April, 2023 |
| Il-Kaptan Matthew Agius | 4 ta' April, 2023 |
| Il-Kaptan Julian Tonna | 4 ta' April, 2023 |
| Il-Kaptan James Vella | 19 ta' April, 2023 |

Is-26 ta' Mejju, 2023

**Nru. 686**

**KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)**

**Ħatra ta' Avukati għall-Għajnuna Legali**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, a tenur tal-Artikolu 89 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ministru tal-Ġustizzja ħatar lill-avukat li jidher hawn taħt bħala Avukat għall-Għajnuna Legali f'materji ċivili u kriminali, għall-perjodu bejn l-1 ta' Ġunju, 2023 u l-31 ta' Diċembru, 2023, iż-żewġ dati nklużi.

MALTA
L-Av. Wilfrid Buttigieg, LLD

L-24 ta' Mejju, 2023
LAM 41/2020

**Nru. 687**

**KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)**

**Ħatra ta' Kuraturi Uffiċjali**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, a tenur tal-Artikolu 89 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta,

| | |
|---|---|
| Lieutenant Christian Mifsud | 18th April, 2023 |
| Lieutenant Keith Xuereb | 18th April, 2023 |
| Lieutenant Mariah Zammit | 18th April, 2023 |
| Lieutenant Clayton Gomez Blanco | 9th May, 2023 |

26th May, 2023

**No. 685**

**ARMED FORCES OF MALTA (REGULAR FORCE)**

THE Minister for Home Affairs, Security, Reforms and Equality has the pleasure to approve the promotion of the undermentioned Officers to the rank of Major with effect from the date as shown against their names.

| | |
|---|---|
| Captain Rene Aquilina | 4th April, 2023 |
| Captain Matthew Agius | 4th April, 2023 |
| Captain Julian Tonna | 4th April, 2023 |
| Captain James Vella | 19th April, 2023 |

26th May, 2023

**No. 686**

**CODE OF ORGANISATION AND CIVIL PROCEDURE (CAP. 12)**

**Appointment of Legal Aid Lawyers**

IT is notified for general information that, in terms of Article 89 of Chapter 12 of the Laws of Malta, the Minister for Justice appointed the hereunder lawyer as Legal Aid Lawyer for civil and criminal matters, for the period between 1st June, 2023 and 31st December, 2023, both days included.

MALTA
Dr Wilfrid Buttigieg, LLD

24th May, 2023

**No. 687**

**CODE OF ORGANISATION AND CIVIL PROCEDURE (CAP. 12)**

**Appointment of Official Curators**

IT is notified for general information that, as per Article 89 of Chapter 12 of the Laws of Malta, the Minister for

l-Ministru tal-Ġustizzja ħatar 'il hawn taħt imsemmi bħala Kuratur Uffiċjali għall-perjodu bejn l-1 ta' Ġunju, 2023 u l-31 ta' Diċembru, 2023, iż-żewġ dati nklużi.

MALTA
L-Av. Wilfrid Buttigieg, LLD

L-24 ta' Mejju, 2023
LAM 41/2020

**Nru. 688**

**KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)**

Ngħarrfu għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Av. David Anthony Bonello, LLD, se jirriżenja mill-kariga bħala Kuratur Uffiċjali u Avukati għall-Għajnuna Legali (Malta) b'seħħ mill-1 ta' Lulju, 2023.

L-24 ta' Mejju, 2023
LAM 41/2020

**Nru. 689**

**ĦATRA TA' AĠENT ACCOUNTANT GENERAL**

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol, approva l-ħatra temporanja li ġejja:

| ISEM<br>*NAME* | POŻIZZJONI<br>*POSITION* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Is-Sa Maria Camilleri | Accountant General<br>*Accountant General* | Teżor<br>*Treasury* | 30.5.2023 - 1.6.2023 |

Is-26 ta' Mejju, 2022

**Nru. 690**

**ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ)**

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ekonomija, Fondi Ewropej u Artijiet approva l-ħatra temporanja li ġejja:

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Is-Sur Brian Montebello | Direttur Ġenerali<br>*Director General* | Kummerċ<br>*Commerce* | 25.5.2023 - 31.5.2023 |

Is-26 ta' Mejju, 2023

Justice appointed the following as Official Curator for the period between 1st June, 2023 and 31st December, 2023, both days included.

MALTA
Dr Wilfrid Buttigieg, LLD

24th May, 2023

**No. 688**

**CODE OF ORGANISATION AND CIVIL PROCEDURE (CAP. 12)**

IT is notified for general information that Dr David Anthony Bonello, LLD, will be resigning from Official Curator and Advocate for Legal Aid (Malta) with effect from 1st July, 2023.

24th May, 2023

**No. 689**

**APPOINTMENT OF ACTING ACCOUNTANT GENERAL**

THE Permanent Secretary in the Ministry for Finance and Employment, has approved the following acting appointment:-

| ISEM<br>*NAME* | POŻIZZJONI<br>*POSITION* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Is-Sa Maria Camilleri | Accountant General<br>*Accountant General* | Teżor<br>*Treasury* | 30.5.2023 - 1.6.2023 |

26th May, 2022

**No. 690**

**APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)**

THE Permanent Secretary in the Ministry for the Economy, European Funds and Lands has approved the following acting appointment:

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Is-Sur Brian Montebello | Direttur Ġenerali<br>*Director General* | Kummerċ<br>*Commerce* | 25.5.2023 - 31.5.2023 |

26th May, 2023

**Nru. 691**

**PROSPETT**

**OFFERTA TA' ROLLOVER LID-DETENTURI TA' 62+ SAVINGS BOND TAL-GVERN TA' MALTA - ĦRUĠ 2018 B'IMGĦAX TA' 3% FIS-SENA FI ĦRUĠ ĠDID TA' 62+ SAVINGS BOND TAL-GVERN TA' MALTA – ĦRUĠ 2023 B'IMGĦAX TA' 3.60% FIS-SENA**

**Sommarju tat-termini prinċipali tar-Rollover**

Is-sommarju li ġej għandu jinqara bħala introduzzjoni għal dan il-prospett u kull deċiżjoni sabiex wieħed jipparteċipa f'dan ir-Rollover għandha tkun ibbażata fuq il-kontenut tal-prospett sħiħ mill-investitur. Il-Prospett jitratta t-termini tar-Rollover kif ukoll it-termini tal-Bond il-Ġdid li ser jiġi maħluq b'riżultat ta' din ir-Rollover.

**Isem tal-Issuer:** il-Gvern ta' Malta;

**Deskrizzjoni fil-qosor tar-Rollover**: Fid-data tal-maturità tat-62+ Savings Bonds tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2018, iffisata għad-19 ta' Ġunju 2023, dan il-Bond jiġi mibdul f'Bond Ġdid tat-62+ MGSB -Ħruġ 2023 bil-kunsens tad-detenturi tal-Bond li ser jimmatura. Il-Bond il-Ġdid ser jinħareġ bl-stess termini u kondizzjonijiet tal-Bond li ser Jimmatura ħlief għar-rata tal-imgħax li ser tkun ta' 3.60% fis-sena.

**Termini tal-Bdil:** Għal kull €100 nominali tal-Bond li ser jimmatura jinbidel f'€100 nominali fil-Bond il-Ġdid.

**Min jista' jipparteċipa fir-Rollover?** Detenturi eżistenti tat-62+ MGSB – Ħruġ 2018 li isimhom jidher fir-reġistru tal-Bond f'għeluq il-ġurnata ta' negozju tal-Ġimgħa, is-26 ta' Mejju 2023, (id-data cut-off) huma eliġibbli li jġeddu l-istess ammont nominali fil-Bond il-Ġdid.

**Ammont li jista' jiġi mġedded**: L-ammont nominali **kollu** li kien miżmum fit-62+ MGSB 2018.

**Sommarju tat-termini prinċipali tal-Bond il-Ġdid li ser jinħoloq minn din ir-Rollover**

**Titolu tal-Bond:** 62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta (MGSB) – Ħruġ 2023.

**In-Numru tal-ISIN**: MT4000010077.

**Tip tal-Bond il-Ġdid:** Bond b'rata ta' mgħax fissa.

**Terminu ta' Żmien:** 5 Snin.

**No. 691**

**PROSPECTUS**

**OFFER OF ROLLOVER TO BONDHOLDERS OF 62+ MALTA GOVERNMENT SAVINGS BOND – ISSUE 2018 AT THE RATE OF 3% PER ANNUM TO A NEW 62+ MALTA GOVERNMENT SAVINGS BOND - ISSUE 2023 AT THE RATE OF 3.60% PER ANNUM**

**Summary of the main terms of the Rollover**

The following summary must be read as an introduction to this prospectus and any decision to participate in this Rollover is based on consideration of the prospectus as a whole by the investor. The Prospectus deals with the terms of the Rollover as well as the terms of the New Bond that will be created as a result of this Rollover.

**Name of Issuer:** Government of Malta;

**Brief description of the Rollover:** On the date of maturity of the 62+ MGSB – Issue 2018 set for the 19th of June 2023, the maturing Bond will be converted into a new 62+ MGSB – Issue 2023 upon the assent of the Existing Bondholders. The New Bond shall be issued with the same terms and conditions of the Maturing Bond save for the annual interest rate which shall be 3.60% per annum.

**Terms of the Exchange:** For every €100 nominal of the Maturing Bond will be exchanged for €100 nominal of the New Bond.

**Who can participate in the Rollover?** Existing Bondholders of the 62+ MGSB – Issue 2018 whose name appear on the bond register at close of business of Friday the 26th of May 2023 (the cut-off date) are eligible to rollover the same nominal amount in the New Bond.

**Amount that can be rolled over**: The **full** nominal amount held in the 62+ MGSB – Issue 2018.

**Summary of the main terms of the New Bond to be created from the Rollover**

**Title of the Bond:** 62+ Malta Government Savings Bond (MGSB) – Issue 2023.

**ISIN Number:** MT4000010077.

**Type of the new Bond:** Fixed rate Bond.

**Term:** 5 Years.

**Rata ta' Mgħax (kupun)**: Ir-rata ta' mgħax tat-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta - Ħruġ 2023 hi ta' **3.60% fis-sena**.

**Strument ta' dejn mhux trasferibbli u mhux negozjabbli**: It-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2023 ma jistax jiġi negozjat, assenjat jew trasferit lil xi individwu ieħor jew persuna legali u ma jistax jingħata bħala rahan.

**Meta jitħallas l-imgħax?** L-imgħax jitħallas darbtejn fis-sena b'lura fid-19 ta' Ġunju u fid-19 ta' Diċembru matul iż-żamma tal-Bond sakemm is-somma investita ma tiġix irtitata qabel. L-ewwel ħlas ta' sitt xhur imgħax isir fid-19 ta' Diċembru 2023.

**X'inhu l-ammont li jista' jiġi nvestit fil-Bond il-Ġdid?** Id-Detenturi eżistenti li jagħżlu li jġeddu l-investiment iridu jaqblu li jġeddu l-ammont kollu investit fit-62+ MGSB – Issue 2018 u ma jistgħux japplikaw b'ammont aktar jew inqas minn dak li għandhom investit fil-Bond li ser jimmatura.

**Kif wieħed jista' jinvesti fil-Bond il-Ġdid?** L-applikanti eliġibli ser jirċievu bil-posta Applikazzjoni preskritta mill-Accountant General. Detenturi li jagħżlu li jġeddu l-investiment għandhom jiffirmaw l-Applikazzjoni u jibgħtuha lir-Registratur fl-envelop bl-indirizz tar-Registratur hekk kif ipprovdut mal-Applikazzjoni. Il-posta mħallsa mid-Dipartiment tat-Teżor u għaldaqstant m'hemmx bżonn bolla fuq l-envelop. L-Applikazzjoni trid tasal sa mhux aktar tard minn nhar it-Tlieta, is-6 ta' Ġunju 2023.

**Maturità:** It-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2023 jitħallas lura b'parità fid-19 ta' Ġunju 2028.

**X'jiġri meta jintemm iż-żmien tal-investiment?** It-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta - Ħruġ 2023 huwa ħruġ speċjali u għalhekk m'hemm l-ebda garanzija li jkun hemm ħruġ ieħor meta l-Bond jitħallas lura.

**Termini (Pattijiet) u Kondizzjonijiet**

**1. Applikazzjoni u Interpretazzjoni**

(a) lt-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta - Ħruġ 2023 li ser jinħoloq mir-Rollover huwa strument ta' dejn għall-investitur mhux professjonali (retail investor), offrut mill-Accountant General taħt l-Att dwar Self tal-Gvern u l-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku (Kapitolu 575 tal-Liġijiet ta' Malta) u soġġett għar-Regolamenti dwar ir-Retail Savings Bonds tal-Gvern ta' Malta (ir-Regolamenti) kif emendati u promulgati mill-ġdid minn żmien għal żmien;

**Interest rate (coupon)**: The rate of interest of the 62+ Malta Government Savings Bond - Issue 2023 is **3.60% per annum**.

**Non-Transferable and non-negotiable debt Instrument**: The 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2023 cannot be negotiated, assigned or transferred onto any other individual or legal person and cannot be pledged.

**When is the interest paid?** The interest will be payable semi-annually in arrears on the 19th of June and the 19th of December during the tenor of the Bond unless the sum invested is withdrawn before. The first semi-annual interest payment will be made on the 19th of December 2023.

**What amount can one invest in the New Bond?** The existing bondholders who opt for the Rollover must agree to rollover the full amount of their holding in the 62+ MGSB – Issue 2018 and shall not be allowed to apply for any amount of the New Bond exceeding or below in value the nominal amount of the Maturing Bond.

**How can one invest in the New Bond?** Eligible applicants shall receive by post a prescribed Application Form from the Accountant General. Bondholders electing to rollover their holdings are to sign the Application Form and send it to the Registrar in the self-addressed envelope provided. The postage is paid by the Treasury Department and therefore there is no need to affix a postage stamp on the envelope. The Application Form is to arrive not later than Tuesday the 6th of June 2023.

**Maturity:** The 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2023 shall be repaid at par on 19th of June 2028.

**What happens at the end of the investment term?** The Malta Government Savings Bond – Issue 2023 is a special issue and therefore there is no guarantee that another 62+ Malta Government Savings Bond issue will be available when the Bond is repaid.

**Terms and Conditions**

**1. Application and Interpretation**

(a) The 62+ Malta Government Savings Bond - Issue 2023 to be created from the Rollover is a retail debt instrument offered by the Accountant General under the Government Borrowing and Management of Public Debt Act (Cap. 575 of the Laws of Malta) and is subject to the Malta Government Retail Savings Bonds Regulations (the Regulations) as amended or re-enacted from time to time;

(b) Dan il-prospett qed jiġi ppubblikat f'konformità mal-artikolu 25 (3) tal-Att dwar Self tal-Gvern u l-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku u r-regolament 4 tar-Regolamenti. Dan il-prospett flimkien mal-Att dwar Self tal-Gvern u l-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku u mar-Regolamenti dwar ir-Retail Savings Bonds tal-Gvern ta' Malta għandu jirregola dan il-ħruġ.

**2. Tifsir**

F'dawn it-termini u kondizzjonijiet:

(a) "Accountant General" tfisser l-Accountant General tal-Gvern ta' Malta li jmexxi d-Dipartiment tat-Teżor;

(b) "Detentur" tfisser kull individwu li f'ismu il-Bond jitniżżel fir-reġistru;

(c) "Bond Ġdid" għal fini ta' dan il-prospett ifisser it-62+ MGSB -Ħruġ 2023 (ISIN: MT4000010077) li ser jiġi maħluq bi bdil mal-Bond tas-62+ MGSB – Ħruġ 2018;

(d) "Ġurnata ta' negozju" tfisser ġurnata li ma tkunx is-Sibt, festa nazzjonali jew pubblika kif elenkati fl-artikoli 2 u 5(1) tal-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra, vaganza bankarja, kif dikjarata skont l-artikolu 3(2) (b) tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, jew ġurnata meta s-sistema Trans-European Automated Real-time Gross Settlement Express Transfer (TARGET), li hija proprjetà u operata mill-Eurosistema, tkun magħluqa għan-negozju, kif tista' tiġi ppubblikata fuq is-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali Ewropew: (www.ecb.europa.eu);

(e) "Applikanti Eliġibli" għal fini ta' dan il-Prospett tfisser l-individwi kollha li isimhom jidher fir-reġistru tat-62+ MGSB – Ħruġ 2018 f'għeluq il-ġurnata ta' negozju tal-Ġimgħa 26 ta' Mejju 2023, (id-data cut-off);

(f) "Talbiet" dwar it-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2023 jinkludu kemm il-ħlas lura tal-kapital kif ukoll l-imgħax, jekk ikun hemm, fuq l-imsemmi 62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta– Ħruġ 2023;

(g) "Bond li ser jimmatura" huwa it-62+ MGSB – Ħruġ 2018 (ISIN 4000010036) li nħareġ taħt il-Prospett 648 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta' Mejju 2018 u li ser jimmatura fid-19 ta' Ġunju 2023;

(h) "Data tal-maturità" hi d-data meta l-Bond jitħallas lura;

(i) "Registration Manager" tfisser (i) istituzzjoni finanzjarja appuntata mill-Accountant General skont it-

(b) This prospectus is being published in accordance with article 25 (3) of the Government Borrowing and Management of Public Debt Act and regulation 4 of the Regulations. This prospectus in conjunction with the Government Borrowing and Management of Public Debt Act and Malta Government Retail Savings Bonds Regulations shall govern this issuance.

**2. Definitions**

In these terms and conditions:

(a) "Accountant General" means the Accountant General of the Government of Malta who heads the Treasury Department;

(b) "Bondholder" means any individual in whose name the Bond is entered in the register;

(c) "New Bond" for the purpose of this prospectus means the 62+ MGSB – Issue 2023 that will be created in exchange for the existing 62+ MGSB – Issue 2018;

(d) "Business day" means a day other than a Saturday, a national or public holiday listed in articles 2 and 5(1) of the National Holidays and other Public Holidays Act, a bank holiday as declared under article 3(2)(b) of the Banking Act, or a day when the Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer System (TARGET), owned and operated by the Eurosystem, is closed for business as may be published on the European Central Bank's website: (www.ecb.europa.eu);

(e) "Eligible Applicants" for the purpose of this prospectus means all individuals whose name appeared on the register of the 62+ MGSB – Issue 2018 at close of business of Friday the 26th of May 2023 (the Cut-Off Date);

(f) "Claims" in respect of the 62+ Malta Government Savings Bond - Issue 2023 include both the principal repayment and the interest due if any, on the said 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2023;

(g) "Maturing Bond" is the 62+ MGSB – Issue 2018 (ISIN 4000010036) issued under Prospectus 648 published in the Government Gazette of the 29th of May 2018 which will be redeemed on the 19th of June 2023;

(h) "Maturity date" is the date when the Bond falls due for repayment;

(i) "Registration Manager" means (i) the financial institution appointed by the Accountant General in terms

termini tal-Artikolu 24(2) sabiex tiġġestixxi ir-Rollover f'isem it-Teżor;

(j) "Regolamenti" il-kelma regolamenti f'dan il-prospett tfisser ir-regolamenti dwar ir-Retail Savings Bonds tal-Gvern ta' Malta;

(k) "Rollover" f'dan il-Prospett tfisser il-metodu li bih it-62+ MGSB - Ħruġ 2018 li ser jimmatura fid-19 ta' Ġunju 2023 jiġi konvertit f'Bond Ġdid tat-62+ MGSB - Ħruġ 2023 fuq bażi volontarja.

**3. L-Offerta ta' Rollover tat-62+ MGSB - Ħruġ 2018**

(a) L-Accountant General jistieden lid-detenturi tal-Bond tat-62+ MGSB – Ħruġ 2018 li ser jimmatura sabiex iġeddu l-investiment kollu f'Bond Ġdid tat-62+ MGSB – Ħruġ 2023 b'effett mid-19 ta' Ġunju 2023;

(b) Ir-Rollover tal-investiment li ser jimmatura iseħħ bil-kondizzjoni li l-Bond ikun ħieles minn kull forma ta' xkiel u li d-detentur iċedi d-drittijiet kollha li hemm jew li 'l quddiem jista' jkun hemm marbuta ma' dan il-Bond;

(c) Detenturi li ma jixtiequx iġeddu l-Bond li ser jimmatura ma jridu jagħmlu xejn u ser jirċievu ħlas lura tal-kapital fid-19 ta' Ġunju 2023;

(d) Fid-data tal-maturita' tat-62+ MGSB – Ħruġ 2018, it-Teżor ser jifdi l-ammont nominali kollu ta' dan il-Bond. Il-porzjon li ser jiġi mġedded magħmul minn applikanti li b'mod volonatarju jagħżlu li jġeddu l-investiment ser jiġi konvertit f'Bond Ġdid, tat-62+ MGSB – Ħruġ 2023. Il-porzjon li jibqgħa tal-Bond li ser jimmatura magħmul minn detenturi li ma jagħżlux li jġeddu l-investiment, il-kapital jitħallas lura fil-kont bankarju tagħhom hekk kif miżmum fir-reġistru tal-Borża ta' Malta.

**4. Eliġibilità**

(a) L-applikanti eliġibbli li jistgħu iġeddu l-investiment li ser jimmatura f'Bond Ġdid huma d-detenturi eżistenti tat-62+ MGSB – Ħruġ 2018 li isimhom jidher fir-reġistru ta' dan il-Bond f'għeluq il-ġurnata ta' negozju tal-Ġimgħa is-26 ta' Mejju 2023, (id-data cut-off);

(b) Id-detenturi eliġibbli jridu jaqblu li jġeddu l-ammont kollu u ma jistgħux japplikaw b'ammonti fil-Bond il-Ġdid li jkunu aktar jew anqas mill-ammont nominali li kellhom investit fil-Bond li ser jimmatura.

of Article 24(2) to manage the Rollover on behalf of the Treasury;

(j) "Regulations" the word regulations in this prospectus means the Malta Government Retail Savings Bonds Regulations;

(k) "Rollover" In this prospectus means the mechanism by which the 62+ MGSB – Issue 2018 maturing on the 19th of June 2023 shall be converted to the new 62+ MGSB – Issue 2023 on a voluntary basis.

**3. Offer of Rollover of the 62+ MGSB – Issue 2018**

(a) The Accountant General invites bondholders of the maturing 62+ Malta Government Savings Bond (MGSB) – Issue 2018 to rollover all their holdings into a new 62+ Malta Government Savings Bonds – Issue 2023 (New Bond) with effect from the 19th of June 2023;

(b) The rollover of holdings of the maturing Bond shall take place on the condition that the Bond is free from all liens and charges and with all the rights now or hereafter attached to it;

(c) Bondholders who do not wish to rollover their holdings are not required to do anything and will receive the whole redemption proceeds on the scheduled maturity date of the 19th of June 2023;

(d) On the redemption date of the maturing Bond, the Treasury shall redeem all the nominal amounts of the 62+ MGSB – Issue 2018. The portion from the maturing Bond that will be rolled over consisting of applicants who volunatary assent to the Rollover, will be converted into the new Bond, the 62+ MGSB – Issue 2023. The remaining portion consisting of bondholders who opt out from the Rollover will be repaid to these bondholders in their bank account (IBAN) held in the register of the Malta Stock Exchange.

**4. Eligibility**

(a) The eligible applicants who can rollover the maturing proceeds in the New Bond are the existing bondholders of the 62+ MGSB – Issue 2018 whose name appear on this bond register at close of business of Friday the 26th of May 2023 (the Cut-Off Date);

(b) The eligible bondholders must agree to rollover the full amount of their holding and shall not be allowed to apply for any amount of the New Bond exceeding or below in value the nominal amount held in the Maturing Bond.

**5. Termini tal-Bdil tal-Bond**

Kull €100 nominali tal-Bond li ser jimmatura jinbidel f'€100 nominali fil-Bond il-Ġdid, sabiex id-detenturi li jagħżlu li jġeddu l-investiment jiġu allokati l-istess ammont nominal ta' Bonds li kellhom fit-62+ MGSB – Ħruġ 2018 fil-Bond il-ġdid tat-62+ MGSB – Ħruġ 2023.

**6. Termini tal-Investiment tal-Bond il-Ġdid**

(a) B'effett mid-19 ta' Ġunju 2023, l-ammont nominali mġedded ser jiġi konvertit f'Bond Ġdid tat-62+ MGSB – Ħruġ 2023;

(b) It-62+ MGSB Ħruġ 2023 jgħaddi mgħax b' rata fissa ta' **3.60%** fis-sena għall-perjodu kollu ta' ħames snin tal-Bond. Iż-żmien tal-Bond jibda fid-data tal-ħruġ tal-Bond, jiġifieri **fid-19 ta' Ġunju 2023** sal-aħħar ġurnata li tiġi minnufih qabel id-data tal-maturità tal-Bond iffissata **għad-19 ta' Ġunju 2028**.

**7. Il-Bond mhux trasferibbli**

(a) Il-Bond il-Ġdid jew kwalunkwe interess fih ma jistax jiġi trasferit jew assenjat lil xi individwu ieħor jew persuna ġuridika oħra jew jingħata bħala rahan, f'parti jew fl-intier tiegħu. Ma hemm l-ebda suq ta' negozju sekondarju għall-Bond.

**8. Ħatra ta' Registration Manager**

Il-Borża ta' Malta p.l.c. li għandha l-uffiċċju reġistrat f' Garrison Chapel Pjazza Kastilja l-belt Valletta (C.42525) ġiet appuntata bħala Registration Manager sabiex tiġġestixxi r-rollover f'isem it-Teżor.

**9. Arranġamenti għar-Rollover - Data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-Applikazzjoni**

(a) L-Accountant General ser jibgħat formola preskritta tal-applikazzjoni lid-detenturi kollha li isimhom jidher fir-Reġistru f'għeluq il-ġurnata ta' negozju tas-26 ta' Mejju 2023 (id-data cut-off);

(b) Fost affarijiet oħra l-formoli tal-applikazzjoni jinkludu, l-ammont nominali nvestit fit-62+ MGSB – Issue 2018, in-numru tal-kont tal-Borża, isem, kunjom u l-indirizz tal-applikant;

(c) Detenturi li jixtiequ jġeddu l-investiment għandhom jiffirmaw l-applikazzjoni u jibgħatuha lir-Reġistratur fis-self-addressed envelope provdut mal-formola tal-applikazzjoni. Il-posta mħallsa mid-Dipartiment tat-Teżor u għaldaqstant m'hemmx bżonn bolla fuq l-envelop;

**5. Terms of the Bond Exchange**

Every €100 nominal of the Maturing Bond will be exchanged for €100 nominal of the New Bond such that bondholders electing to rollover their holdings shall be allocated the same nominal value they held in the 62+ MGSB – Issue 2018 in the new 62+ MGSB - Issue 2023.

**6. Investment Terms of the New Bond**

(a) With effect from the 19th of June 2023, the nominal amounts resulting from the rollover shall be converted in a New Bond, the 62+ MGSB – Issue 2023;

(b) The 62+ MGSB – Issue 2023 will earn interest at a fixed rate of **3.60%** per annum for the whole five-year term of the Bond. The term of the Bond starts on the date of issuance which is the **19th of June 2023** (issue date) up to the last day which immediately precedes the date of the maturity of the Bond set for the **19th of June 2028**.

**7. Non- Transferability**

The New Bond or any interest thereon may not be transferred or assigned to any other individual or legal person or pledged, in whole or in part. There will be no secondary trading market for the Bond.

**8. Appointment of the Registration Manager**

The Malta Stock Exchange p.l.c (MSE) having its registered office at Garrison Chapel Castille Place Valletta (C.42525) has been appointed as the Registration Manager to manage the Rollover on behalf of the Treasury.

**9. Arrangements for the Rollover – Closing Date for the submission of the Application Form**

(a) The Accountant General shall send a prescribed Application Form to all the bondholders of the Maturing Bond whose name appeared on the register at close of business of Friday 26th of May 2023 (the cut-off date);

(b) The Application Forms shall include, inter alia, the nominal amount held in the 62+ MGSB – Issue 2018, the MSE account number, name, surname and address of the applicant;

(c) Bondholders who wish to rollover their holdings shall sign the Application Form and send it to the Registrar in the self-addressed envelope provided with the Application Form. The postage is paid by the Treasury Department and therefore there is no need to affix a postage stamp on the envelope;

(d) Il-formola tal-applikazzjoni iffirmata għandha tasal għand ir-Reġistratur **sa mhux aktar tard mit-Tlieta, is-6 ta' Ġunju 2023;**

(e) Ebda applikazzjoni ma tista' tiġi rtirata wara l-ħin tal-għeluq;

(f) L-Accountant General permezz tar-Registration Manager għandu d-dritt jirrifjuta kull applikazzjoni jekk l-applikant naqas milli josserva, b'mod materjali, it-termini u l-kondizzjonijiet li jinsabu f'dan il-prospett.

**10. Policy dwar l-allokazzjoni**

Id-detenturi tal-investiment tal-bond li ser jimmatura u jagħżlu li jagħmlu rollover, huma ser jiġu allokati l-istess ammont nominali fil-Bond il-Ġdid.

**11. Ħlasijiet ta' mgħax u dati tal-ħlasijiet tal-imgħax**

(a) L-imgħax fuq dan il-Bond jitħallas kull sitt xhur b'lura fid-19 ta' Ġunju u fid-19 ta' Diċembru ta' kull sena waqt il-kors tal-Bond bir-rata ta' 1.80% ikkalkulata fuq l-ammont nominali tal-Bond;

(b) L-ewwel ħlas ta' mgħax ta' sitt xhur bir-rata ta' 1.80% li jkopri l-perjodu mid-19 ta' Ġunju 2023 (id-data tal-ħruġ) sat-18 ta' Diċembru 2023 (iż-żewġ dati inklużi) għandu jsir fid-19 ta' Diċembru 2023;

(c) Jekk id-data tal-ħlas ta' mgħax taqa' f'ġurnata mhux ta' negozju, il-ħlas għandu jsir fl-ewwel ġurnata ta' negozju li tiġi minnufih wara mingħajr ebda ħlas ta' mgħax addizzjonali.

**12. Metodu tal-Ħlas tal-imgħax u l-ħlas lura tal-kapital tal-Bond il-Ġdid**

(a) Il-ħlasijiet ta' kull tip relatati ma' dan il-Bond, inklużi:

(i) ħlasijiet ta' mgħax kull sitt xhur;
(ii) ħlas lura bikri tal-kapital; u
(iii) fidwa tal-Bond fid-data tal-maturità tiegħu,

isiru permezz ta' kreditu bankarju permezz tal-iskema Single Euro Payments Area (SEPA) fl-aħħar IBAN hekk kif irreġistrat fir-Reġistru tat-62+ MGSB – Ħruġ 2018 fid-data cut-off. Sussegwentament l-IBAN jista' jinbidel permezz ta' avviż bil-miktub lid-Depożitarju Ċentrali tat-Titoli (CSD) tal-Borża ta' Malta;

(b) It-Teżor ma jimponix tariffa meta jagħmel il-ħlasijiet, pero l-bank tal-benefiċjarju jista' jimponi xi tariffa meta jirċievi fondi li l-valur tagħhom jeċċedu ċertu ammont.

(d) The Application Form duly signed is to be received by the Registrar **by not later than Tuesday the 6th of June 2023;**

(e) All applications will be irrevocable after the closing time;

(f) The Accountant General acting through the Registration Manager has the right to reject any application if the applicant has failed to comply in a material manner with the terms and conditions contained in this prospectus.

**10. Allocation Policy**

Bondholders of the Maturing Bond electing to roll over their holdings shall be allocated the same nominal amount in the New Bond.

**11. Interest payments and interest payment dates**

(a) The interest will be paid semi-annually in arrears of the 19th of June and the 19th of December in every year during the tenor of the Bond at the rate of 1.80% calculated on the nominal amount of the Bond;

(b) The first semi-annual interest payment at the rate of 1.80% covering the period from the 19th of June 2023 (issue date) up to the 18th of December 2023 (both dates inclusive) shall be paid on the 19th of December 2023;

(c) If an interest payment date falls on a non-business day, payment will be made on the succeeding business day without payment of additional interest.

**12. Method of payment of interest and repayment of principal of the New Bond**

(a) The settlement of all types of payments linked to this Bond, including:

(i) semi-annual interest payments;
(ii) early repayment of principal; and
(iii) redemption of the Bond on its maturity date,

shall be made by direct credit transfer through the Single Euro Payments Area (SEPA) scheme in the latest IBAN held in the 62+ MGSB – Issue 2018 register as at cut-off date. The IBAN may be subsequently changed by giving notice in writing to the Central Securities Depository (CSD) of the Malta Stock Exchange;

(b) The Treasury does not charge for sending payments; however, the beneficiary's bank could charge a fee to receive the funds when these exceed certain amounts. The

L-Accountant General mhux responsabbli għal xi tariffi bankarji li jistgħu jirriżultaw mill-ħlasijiet ta' kull tip relatati ma' dan il-Bond.

**13. Taxxa**

(a) L-imgħax mgħoddi fuq it-62+Savings Bond tal-Gvern ta' Malta-Ħruġ 2023 hu ntaxxat skont id-dispożizzjonijiet dwar income minn investimenti tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income (Kap.123 tal-Liġijiet ta' Malta);

(b) L-għażla tat-taxxa marbuta mal-Bond il-Ġdid ser tkun l-aħħar għażla tat-taxxa reġistrata fir-Reġistru tat-62+ MGSB – Ħruġ 2018 fid-data cut-off. Sussegwentament l-għażla tat-taxxa tista' tinbidel permezz ta' avviż bil-miktub lid-Depożitarju Ċentrali tat-Titoli (CSD) tal-Borża ta' Malta;

(c) Kull sena, L-Accountant General għandu jagħti (i) rendikont lill-Kummissarju tat-Taxxi ta' Malta tal-ammonti kollha ta' imgħax u t-taxxa mnaqqsa kif ukoll l-identità tar-riċevitur u (ii) għandu jinforma lill- Kummissarju tat-Taxxi ta' Malta bl-imgħax imħallas gross u l-identita' ta' dawn ir-riċevituri kollha.

**14. Fidwa bikrija u kanċellament**

(a) Detenturi tal-Bond jistgħu jirtiraw l-ammont kollu investit fit-62+ Savings Bond tal- Gvern ta' Malta – Ħruġ 2023 qabel id-data tal-maturità tal-Bond soġġett għall-ħlas ta' penali għall-fidwa bikrija tal-kapital skont it-termini ta' paragrafu 16 aktar 'l isfel. Applikazzjonijiet li jsiru minn detenturi matul il-ħajja tal-Bond biex jifdu parti mis-somma nvestita ma jiġux aċċettati;

(b) L-applikazzjonijiet għall-fidwa bikrija għandhom isiru fuq il-formola preskritta li tista' titniżżel mis-sit elettroniku tat-Teżor u tintbagħat lid-Dipartiment tat-Teżor. Normalment, l-Accountant General jibda' l-proċess ta' trasferiment elettroniku tal-fondi fi żmien 30 ġurnata. Tipikament il-pagament isir fil-ħames (5) ġurnata tax-xahar;

(c) Talbiet għall-fidwa bikrija minn detenturi tal-Bond huma irrevokabbli u ma jistgħux jiġu rtirati wara li jiġu sottomessi lil, u rċevuti mill-Accountant General;

(d) Il-Bonds li jinfdew qabel id-data tal-maturità tal-Bond kif speċifikat f'dan il-paragrafu u f' paragrafu 17 jiġu kanċellati.

**15. Il-komputażżjoni tal-imgħax akkumulat fil-każ ta' ħlas bikri tal-kapital**

(a) Meta d-detentur jirtira l-kapital qabel id-data tal-ewwel ħlas ta' mgħax, id-detentur ikun intitolat għall-

**13. Tax**

(a) The interest earned from the 62+ Malta Government Savings Bond - Issue 2023 is taxed in accordance with the investment income provisions of the Income Tax Act (Cap. 123 of the Laws of Malta);

(b) The tax election in respect of the New Bond shall be the latest tax election registered in the 62+ MGSB – Issue 2018 register as at cut-off date. The tax election may be subsequently changed by giving notice in writing to the Central Securities Depository (CSD) of the Malta Stock Exchange;

(c) Every year, the Accountant General will (i) render an account to the Maltese Commissioner for Revenue of all amounts of interest paid and tax deducted as well as the identity of the recipient and (ii) will inform the Maltese Commissioner for Revenue of all interest paid gross and of the identity of all such recipients.

**14. Early redemptions and cancellation**

(a) Bondholders may withdraw the whole amount invested in the 62+ Malta Government Savings Bond - Issue 2023 before the maturity date of the Bond subject to the payment of a penalty for early redemption in terms of paragraph 16 below. No application for a partial withdrawal from individual's holding will be entertained during the life of the Bond;

(b) Applications for early redemptions shall be made on the prescribed form which can be downloaded from the Treasury's website and sent to the Treasury Department. The Accountant General will normally initiate the electronic transfer of funds within 30 days. Typically, the early redemptions are payable on the 5th day of the month;

(c) Bondholders' requests for early redemptions are irrevocable and cannot be withdrawn after they are submitted to and received by the Accountant General;

(d) The Bonds which are redeemed before the maturity date of the Bond as specified in this paragraph and paragraph 17 will be cancelled.

**15. Calculation of accrued interest on early redemption**

(a) Where the bondholder withdraws the principal before the first interest payment date, the bondholder shall be

imgħax mid-data tal-ħruġ tal-Bond sal-aħħar ġurnata li tiġi minnufih qabel id-data li fiha jsir il-ħlas lura;

(b) Meta d-detentur jirtira l-kapital qabel id-data tal-maturità iżda wara d-data tal-ewwel ħlas ta'mgħax, id-detentur ikun intitolat għall-imgħax mid-data tal-aħħar ħlas ta' mgħax sal-aħħar ġurnata li tiġi minnufih qabel id-data li fiha jsir il-ħlas lura tal-kapital.

**16. Penali għal fidwa bikrija**

(a) Ħlief fejn japplika s-subparagrafu 17 (c) għandha tiġi mnaqqsa penali ekwivalenti għall-tliet (3) xhur imgħax gross fuq il-kapital mħallas lura, bir-rata ta' mgħax li l-Bond qiegħed jgħaddi, jiġifieri 3.60% fis-sena. Il-formula għall-kalkolu u applikazzjoni tal-penali tkun kif ġej:

$$\text{Ammont tal-Penali} = \frac{K \times R \times 3}{12}$$

Fejn: K huwa l-kapital mifdi; u
R hija r-rata ta' 3.60% mgħax fis-sena li l-Bond qiegħed jgħaddi.

Bħala eżempju, detentur ta' Bond li nvesta l-ammont massimu permissibbli ta' €8,000 li jagħżel li jifdi l-Bond qabel id-data stabbilita tal-maturità tal-Bond jeħel penali ta' €72.00;

(b) Jekk ma jkunx hemm imgħax dovut biżżejjed fil-perjodu kurrenti ta' mgħax biex jagħmel tajjeb għall-penali imposta fuq il-fidwa bikrija, għandu jsir aġġustament fl-ammont tal-kapital li qed jitħallas lura sabiex jagħmel tajjeb għall-penali. Jekk id-detentur tal-Bond jitħallas lura l-kapital fi żmien tliet xhur mill-bidu tiegħu, id-detentur tal-Bond jingħata lura anqas minn dak li jkun oriġinarjament investa.

**17. Talba għall-ħlas lura tal-Bond permezz tal-proċedura tal-Causa Mortis**

(a) Hekk kif issir in-notifika tal-mewt ta' detentur qabel id-data tal-maturità tal-Bond, il-kont jitqiegħed on hold. L-imgħax fuq il-Bond ikompli jitħallas sakemm il-kapital jitħallas lura lill-benefiċjari permezz tal-proċedura causa mortis. L-iżbank tal-bond irid isir fl-intier tiegħu u l-flus jgħaddu kollha lill-benefiċjaru/i tal-mejjet skont id-disposizzjonijiet tat-testment. Talbiet għall-żbank ta' parti mill-bond ma jintlaqgħux;

(b) Il-Bond miżmum mill-mejjet ma jiġix trasferit fuq il-benefiċjarji tad-detentur li jkun miet. Hekk kif jsir il-ħlas lura tal-kapital lill-benefiċjarji tad-detentur li jkun miet permezz

entitled to interest from the issue date of the Bond up to the last day which immediately precedes the repayment date;

(b) Where a bondholder withdraws the principal before the maturity date but after the first interest payment date, the bondholder shall be entitled to interest from the last interest payment date up to the last day which immediately precedes the date when the repayment of principal is made.

**16. Penalty for early redemption**

(a) Except where sub-paragraph 17 (c) applies, a penalty equivalent to three (3) months gross interest on the principal withdrawn, at the interest rate the Bond is earning, i.e. 3.60% per annum, will be deducted from the repayment. The formula for calculation and application of the penalty is as follows:

$$\text{Penalty Amount} = \frac{P \times R \times 3}{12}$$

Where: P is the principal amount withdrawn; and
R the annual interest rate of 3.60% the Bond is earning.

By way of example, a Bondholder who invested the maximum amount permissible of €8,000 who opts for early redemption of the Bond will incur a penalty of €72.00;

(b) If there is insufficient interest due in the current interest period to meet the early redemption charge, an adjustment to the principal being repaid will be made to meet the penalty. If a Bondholder encashes in the Bond within the first three months of its commencement, the Bondholder will get back less than originally invested.

**17. Claim for encashment of the bond through transmission Causa Mortis**

(a) Upon notification of the death of a Bondholder occurring before the maturity date of the bond, the account is put on hold. The bond keeps earning interest until it is repaid to the beneficiaries of the deceased Bondholder through the transmission *Causa Mortis* procedure. The encashment of the bond must comprise the full amount of the bond held by the deceased bondholder and the monies will be paid to the beneficiaries in accordance with the provisions of the will. Claims for part encashment of the bond will not be entertained;

(b) The Bond held by the deceased is not transferable onto the beneficiaries of the deceased Bondholder. On payment of the principal to the beneficiaries of the deceased bondholder

tal-proċedura *causa mortis*, il-kont jingħalaq u l-bond jiġi kanċellat;

(c) Ma tiġi imposta ebda penali meta l-Bond jitħallas lura qabel il-maturità tiegħu lill-benefiċjarji tad-detentur tal-Bond li jkun miet, permezz tal-proċedura *causa mortis*.

**18. Fidwa tat-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2023**

It-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2023 għandu jinfeda b'parità fid-19 ta' Ġunju 2028.

**19. Id-data cut-off għall-emendi fir-reġistru**

Ir-reġistru jkun magħluq għal żmien ta' għaxart ijiem minnufih qabel kull data li fiha jitħallas l-imgħax dovut ta' kull sitt xhur fuq il-Bond u ebda emenda bħal, (i) tibdil fl-indirizz, (ii) l-għażla tat-taxxa u (iii) tibdil tal-kont bankarju fejn isir il-pagament tal-imgħax ma tista' tiġi reġistrata matul dan iż-żmien.

**20. Sigurtà**

Il-kapital u l-ħlasijiet ta' mgħax fuqu tat-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2023 jiġu addebitati lill-fond konsolidat u fondi oħra pubbliċi tal-Gvern ta' Malta.

**21. Avviż ta' reġistrazzjoni u dikjarazzjonijiet oħra**

Mar-reġistrazzjoni, id-detenturi tat-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2023 jirċievu avviż ta'reġistrazzjoni mill-Borża ta' Malta permezz tal-posta normali jew permezz tas-sistema elettronika nterna tal-Borża ta' Malta amministrata minnha.

Malli d-detenturi jirċievu l-avviż tar-reġistrazzjoni mingħand il-Borża ta' Malta għandhom jeżaminaw l-avviż bir-reqqa u għandhom jirrappurtaw xi żbalji jew ommissjonijiet lill-Accountant General kemm jista' jkun malajr. Id-detentur tal-Bond hu responsabbli li jiżgura li jżomm f'post sigur l-avviż tar-reġistrazzjoni u korrispondenza l-oħra li jirċievi li għandhom x'jaqsmu mat-62+ Savings Bond tal- Gvern ta' Malta – Ħruġ 2023.

**22. Preskrizzjoni**

Talbiet fir-rigward tat-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2023 maħruġ taħt dan il-prospett jiġu preskritti sakemm ma jiġux ippreżentati għall-ħlas fi żmien sitt snin mid-data tal-maturità tal-Bond.

**23. Klawsoli dwar protezzjoni tad-data**

L-Accountant General jiggarantixxi li kull data personali li d-detentur jista' jkun ipprovda fuq il-Formola tal-

through the transmission *causa mortis* procedure, the account will be closed, and the bond will be cancelled;

(c) No penalty will be charged where the Bond is repaid before maturity to the beneficiaries of the deceased Bondholder through the transmission *causa mortis* procedure.

**18. Redemption of the 62+ Malta Government Savings Bond - Issue 2023**

The 62+ Malta Government Savings Bond Issue - 2023 shall be redeemed at par on the 19th of June 2028.

**19. Cut-off date for amendments in the register**

The register shall be closed for a period of ten (10) days immediately preceding each date upon which the semi-annual interest on the bond falls due and no amendments such as, change of (i) address, (ii) tax option and (iii) bank accounts details, shall be made during this period.

**20. Security**

The principal and the interest payments thereon of the 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2023 will be a charge on the consolidated fund and other public funds of the Government of Malta.

**21. Registration advice and other statements**

On registration, 62+ Malta Government Savings Bond - Issue 2023 Bondholders will receive a registration advice from the Malta Stock Exchange (MSE) through normal post or through the MSE's internal electronic system managed by the MSE.

As soon as the bondholders receive the registration advice from the MSE they should examine it carefully and report any errors or omissions to the Accountant General as soon as possible. It is the responsibility of the Bondholder to ensure that the registration advice and other correspondence received in connection with 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2023 are kept safely.

**22. Prescription**

Claims in respect of the 62 + Malta Government Savings Bond – Issue 2023 issued under this prospectus will become prescribed unless presented for payment within six years from the maturity date of the Bond.

**23. Data protection clauses**

The Accountant General guarantees that any personal data the bondholder may provide in the Application Form

Applikazzjoni tiġi proċessata skont l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap. 586 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Data – GDPR (Regolament (UE) 2016/679) fis-seħħ waqt l-ipproċessar tad-data.

Data personali miġbura minn fuq il-formola tal-applikazzjoni, tinżamm mill-Accountant General għal sitt snin minn wara d-data tal-fidwa tat-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2023. Madanakollu, data li tkun meħtieġa għall-finijiet ta' xi proċess ġudizzjarju jew minn awtoritajiet amministrattivi, tinżamm għall-perjodu kif stipulat fl-Atti rispettivi jew skont il-leġiżlazzjoni relevanti.

Barra minn hekk, id-data personali tad-detentur hekk kif tkun imniżżla fuq il-formola tal-applikazzjoni tingħata lir-Registration Manager maħtur mill-Accountant General sabiex jiġġestixxi r-Rollover tat-62+ MGSB Ħruġ - 2018 f'isem it-Teżor kif ukoll lir-Reġistratur appuntat mid-Dipartiment tat-Teżor sabiex f'ismu jżomm ir-reġistru. Id-data personali tkun soġġetta għall-Policy dwar il-Privatezza tad-Data tar-Registration Manager kif ukoll tar-Reġistratur.

**24. Liġi applikabbli**

Il-leġislazzjoni rilevanti li taħtha qed jinħareġ dan il-Bond hi (a) L-Att dwar l-Implimentazzjoni tal-Estimi (Kap. 634 tal-Liġijiet ta' Malta) (b) l-Att dwar Self tal-Gvern u l-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku (Kap. 575 tal-Liġijiet ta' Malta) u (c) ir-Regolamenti dwar ir-Retail Savings Bonds tal-Gvern ta' Malta.

**25. Ġurisdizzjoni**

Il-post tal-ġurisdizzjoni esklużiva għal kull proċedura legali li tinbeda taħt it-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2023 huwa **Malta**.

**26. Dettalji ta' kuntatt**

Investituri jistgħu jiksbu aktar informazzjoni dwar ir-Rollover u dwar Titoli tal-Gvern oħra billi jagħmlu kuntatt mad-Dipartiment tat-Teżor permezz ta' wieħed mid-dettalji ta' kuntatt elenkati hawn taħt:

Indirizz: Dipartiment tat-Teżor, Development House, Livell 2-3, Triq Sant'Anna, Il-Furjana.
Telefon: 2596-7125
E-mail: (treasury.malta@gov.mt)
Sit elettroniku: (www.treasury.gov.mt)

Is-26 ta' Mejju, 2023

will be processed in accordance with the requirements of the Data Protection Act (Cap. 586 of the Laws of Malta) and the EU legislation on Data Protection - GDPR (Regulation (EU) 2016/679) in force at the time of data processing.

Personal data collected in the application form will be retained by the Accountant General for six years after the maturity date of the 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2023. However, data required to satisfy judicial or administrative authorities will be held for the period stipulated in the respective Acts and other relevant legislation.

Moreover, the personal data of a bondholder as submitted in the application form will be passed on to the Registration Manager appointed by the Accountant General to manage the Rollover of the 62+MGSB Issue - 2018 on his behalf as well as to the Registrar authorised to maintain the register on his behalf. The personal data will be subject to the Registration Manager's and the Registrar's data protection policy.

**24. Governing Law**

Nhar is-Sibt, 17 ta' Ġunju, 2023, mis-7.00 p.m. sa nofsillejl, clearance mill-Pjazza tal-Parroċċa, Triq il-Kulleġġ, Triq il-Konti Ruġġieru, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq San Franġisk, Triq l-Isptar, Triq il-Kbira, Triq San Pawl u Pjazza tal-Parroċċa;

Nhar il-Ħadd, 18 ta' Ġunju, 2023, mis-8.00 a.m. sa nofsinhar, clearance mill-Pjazza tal-Parroċċa, Triq il-Kulleġġ, Triq il-Konti Ruġġieru, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq San Franġisk, Triq l-Isptar , Triq il-Kbira, Triq San Pawl u Pjazza tal-Parroċċa;

On Sunday, 28th May, 2023, from 4.00 p.m. till midnight, towing zones through Triq il-Kbira, Triq Santa Marija, Triq Ħal Tarxien, Triq is-Sorijiet, Triq Sammat, Triq San Ġużepp, Triq Paola and Misraħ is-Suq;

On Sunday, 28th May, 2023, from 4.00 p.m. till midnight, there will be no access to public transport vehicles to Ħal Tarxien.

Public transport will be affected.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

26th May, 2023

POLICE NOTICE

**No. 100**

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

**Naxxar**

On Sunday, 11th June, 2023, from 2.00 p.m. till 7.30 p.m. through Pjazza l-Vittorja,Triq il-Kbira,Triq Żenqa and Triq Santa Luċija;

On Sunday, 18th June, 2023, from 2.00 p.m. till 7.00 p.m. through Pjazza l-Vittorja,Triq Żenqa and Triq Santa Luċija.

**Rabat (Malta)**

On Friday, 16th June, 2023, clearance from 3.30 p.m. till midnight, through Triq San Pawl (in front of LP Club), and Pjazza tal-Parroċċa;

On Saturday, 17th June, 2023, from 7.00 p.m. till midnight, clearance through Pjazza tal-Parroċċa, Triq il-Kulleġġ, Triq il-Konti Ruġġieru, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq San Franġisk, Triq l-Isptar, Triq il-Kbira, Triq San Pawl and Pjazza tal-Parroċċa;

On Sunday, 18th June, 2023, from 8.00 a.m. till noon, clearance through Pjazza tal-Parroċċa, Triq il-Kulleġġ, Triq il-Konti Ruġġieru, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq San Franġisk, Triq l-Isptar, Triq il-Kbira, Triq San Pawl and Pjazza tal-Parroċċa;

Nhar il-Ħadd, 18 ta' Ġunju, 2023, mill-5.00 p.m. sal-11.00 p.m., clearance mill-Pjazza tal-Parroċċa, Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Pjazza L'Isle Adam, Triq Santu Wistin, Is-Saqqajja, Triq il-Kbira, Triq San Pawl u Pjazza tal-Parroċċa.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-26 ta' Mejju, 2023

TRANSPORT MALTA

**Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 87 tal-2023**

*Għawma parti minn avveniment*
*miċ-Ċirkewwa sal-Belt Valletta*

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li nhar is-Sibt, 3 ta' Ġunju, 2023, se ssir attività ta' għawm/ġiri miċ-Ċirkewwa sal-Belt Valletta. F'kull għawma individwali se jkun hemm dgħajjes tas-sigurtà f'kull ħin.

Il-parti tal-għawm tal-avveniment se ssegwi r-rotta (kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)) u se tkun kif ġej:

| Għawma bejn il-punti<br>*Swim between points* | | Ħin tal-bidu u tat-tmiem tal-għawma individwali<br>*Start and finish time of the individual swim* |
|---|---|---|
| minn A sa B<br>*from A to B* | chart 1 | mill-10.10 a.m. sal-11.10 a.m.<br>*from 10.10 a.m. till 11.10 a.m.* |
| minn C sa D<br>*from C to D* | chart 2 | mill-11.25 a.m. sa nofsinhar<br>*from 11.25 a.m. till noon* |
| minn E sa F<br>*from E to F* | chart 3 | minn 12.10 p.m. sas-1.00 p.m.<br>*from 12.10 p.m. till 1.00 p.m.* |
| minn G sa H<br>*from G to H* | chart 4 | mis-1.30 p.m. sas-2.05 p.m.,<br>*from 1.30 p.m. till 2.05 p.m.* |
| minn I sa J<br>*from I to J* | chart 4 | mis-1.55 p.m. sas-2.30 p.m. u<br>*from 1.55 p.m. till 2.30 p.m.* |
| minn K sa L<br>*from K to L* | chart 5 | mis-2.25 p.m. sat-3.10 p.m.<br>*from 2.25 p.m. till 3.10 p.m.* |

Jekk l-avveniment ma jsirx fid-data msemmija hawn fuq, isir attentat ieħor is-Sibt, 10 ta' Ġunju, 2023, jew is-Sibt, 17 ta' Ġunju, 2023, tul l-istess rotta u fl-istess ħinijiet.

Il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti u jinnavigaw b'veloċità baxxa, għandhom iżommu 'l bogħod sew miż-żoni matul id-data u l-ħinijiet stipulati, u jagħtu lill-għawwiema u lill-bastimenti ta' appoġġ spazju wiesa'.

Il-baħħara għandhom josservaw l-istruzzjonijiet maħruġa fuq l-istazzjon VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS u minn kull uffiċjal tal-infurzar fuq il-post.

On Sunday, 18th June, 2023, from 5.00 p.m. till11.00 p.m., clearance through Pjazza tal-Parroċċa, Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Pjazza L'Isle Adam, Triq Santu Wistin, Is-Saqqajja, Triq il-Kbira, Triq San Pawl and Pjazza tal-Parroċċa.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

26th May, 2023

TRANSPORT MALTA

**Local Notice to Mariners No. 87 of 2023**

*Swimming part of an event from*
*Ċirkewwa to Valletta*

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a swimming/running event will be held on Saturday 3rd June, 2023, from Cirkewwa to Valletta. There will be safety boats in each individual swim at all times.

The swimming part of the event will follow the route (as shown on the charts found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)) and will be as follows:

If the event cannot be held on the abovementioned date, another attempt will take place on Saturday, 10th June, 2023 or Saturday, 17th June, 2023, along the same route and at the same times.

Mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate at slow speed, they are to keep well clear of the areas during the stipulated date and times, giving the swimmers and support vessels a wide berth.

Mariners are to comply with instructions issued on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS and by any enforcement personnel on site.

Charts affettwati: BA 211, 2537 u 2538

Is-26 ta' Mejju, 2023

TRANSPORT MALTA

**Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 88 tal-2023**

*Logħob tan-Nar mix-Xatt 'il barra mill-Fortizza Manoel – 31 ta' Mejju, 2023*

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li se jinħaraq logħob tan-nar għal ħames (5) minuti mix-xatt tal-Fortizza Manoel nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023. Il-wirja se tkun iċċentrata f'Punt A (kif jidher fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)) fil-pożizzjoni approssimattiva li ġejja:

| | *Latitudni (T)* | *Longitudni (L)* |
|---|---|---|
| A | 35° 54'.223 | 14° 30'.469 |

Il-logħob tan-nar se jinħaraq f'bejn wieħed u ieħor il-11.00 p.m.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-baħħara huma avżati biex iżommu 60 metru bogħod minn punt A fid-data u l-ħin imsemmija hawn fuq.

Kwalunkwe dgħajjes irmiġġati jew ankrati fiż-żona murija fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) għandhom jitneħħew matul id-data u l-ħin imsemmija hawn fuq.

Transport Malta ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara kkawżata mill-logħob tan-nar lil xi bastiment u t-tagħmir anċillari tagħha, kemm jekk tali bastiment u t-tagħmir anċillari tiegħu jitħallew fiż-żona ta' sigurtà ta' 60m, jew barra dik iż-żona ta' sigurtà, mill-punt minn fejn jinħaraq l-logħob tan-nar.

Il-baħħara kollha għandhom josservaw kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kwalunkwe uffiċjali ta' infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 177

Is-26 ta' Mejju, 2023

TRANSPORT MALTA

**Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 89 tal-2023**

*Tindif ta' qiegħ il-baħar biswit il-Pixkerija fil-Port il-Kbir*

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li ħdejn il-Pixkerija fil-Port il-Kbir se jsir t tindif f'qiegħ il-baħar minn għaddasa.

Charts affected: BA 211, 2537 and 2538

26th May, 2023

TRANSPORT MALTA

**Local Notice to Mariners No. 88 of 2023**

*Fireworks Display from the Foreshore off Il-Fortizza Manoel – 31st May, 2023*

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a 5-minute fireworks display will be let off from the foreshore of Il-Fortizza Manoel on Wednesday 31st May 2023. The display will be centred at Point A (as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)) in the approximate following position:

| | *Latitude (N)* | *Longitude (E)* |
|---|---|---|
| A | 35° 54'.223 | 14° 30'.469 |

The fireworks display will take place at about 11.00 p.m.

In view of the above, mariners are advised to keep 60 metres away from point A on the above-mentioned date and time.

Any boats berthed or anchored within the area shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt) are to be removed during the above-mentioned date and time.

Transport Malta will accept no liability whatsoever for any damage caused by the firework displays to any vessel and her ancillary equipment, whether such vessel and her ancillary equipment are left within the 60m safety zone, or outside such safety zone, from the point from which the fireworks are let off.

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement officers on site.

Chart affected: BA 177

26th May, 2023

TRANSPORT MALTA

**Local Notice to Mariners No. 89 of 2023**

*Seabed clean-up next to Fish Market in the Grand Harbour*

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a seabed clean-up operation by divers, will take place next to Fish Market in the Grand Harbour.

It-tindif se jsir fiż-żona A, B, C, D u x-xatt ta' bejniethom, kif muri bl-aħmar fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt). It-tindif se jsir nhar is-Sibt, 3 ta' Ġunju, 2023, mit-8.00 a.m. sa nofsinhar.

| *Pozizzjoni* | *Latitudni (T)* | *Longitudni (L)* |
|---|---|---|
| A | 35° 53'.756 | 014° 30'.863 |
| B | 35° 53'.748 | 014° 30'.878 |
| C | 35° 53'.819 | 014° 31'.110 |
| D | 35° 53'.827 | 014° 31'.104 |

L-ebda bastiment ma jitħalla jidħol fiż-żona indikata fid-data u l-ħin imsemmija hawn fuq.

Jekk it-tindif ma jkunx jista' jsir fid-data msemmija hawn fuq, dan isir nhar is-Sibt, 10 ta' Ġunju, 2023, fl-istess post u ħin.

Il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti, jinnavigaw b'kawtela u b'veloċità baxxa meta jkunu fil-viċinanzi taż-żona, fid-data stipulata.

Huma għandhom jikkoperaw mal-organizzaturi u josservaw kwalunkwe struzzjonijiet maħruġa fuq VHF channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS u minn kwalunkwe uffiċjali tal-infurzar fuq il-post.

Charts affettwati: BA 177

Is-26 ta' Mejju, 2023

TRANSPORT MALTA

**Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 90 tal-2023**

*Logħob tan-Nar mix-Xatt il barra mill-Fortizza Manoel – 31 ta' Mejju, 2023*

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li se jinħaraq logħob tan-nar ta' ħames (5) minuti mix-xatt tal-Fortizza Manoel nhar it-Tlieta 30 ta' Mejju, 2023. Il-wirja se tkun iċċentrata f'Punt A (kif jidher fuq is-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)) fil-pożizzjoni approssimattiva li ġejja:

| | *Latitudni (T)* | *Longitudni (L)* |
|---|---|---|
| A | 35° 54'.223 | 14° 30'.469 |

Il-logħob tan-nar se jinħaraq f'bejn wieħed u ieħor id-9.30 p.m.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-baħħara huma avżati biex iżommu 60 metru bogħod mill-punt A fid-data u l-ħin imsemmija hawn fuq.

The clean-up, which will be held within the area A, B, C, D and the intermediate coastline, as shown in red on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt). The clean-up will be held on Saturday, 3rd June, 2023, from 8.00 a.m. till noon.

| *Position* | *Latitude (N)* | *Longitude (E)* |
|---|---|---|
| A | 35° 53'.756 | 014° 30'.863 |
| B | 35° 53'.748 | 014° 30'.878 |
| C | 35° 53'.819 | 014° 31'.110 |
| D | 35° 53'.827 | 014° 31'.104 |

No vessel will be allowed to enter the indicated area on the above-mentioned date and time.

If the clean-up cannot be held on the above-mentioned date it will be held on Saturday, 10th June, 2023, at the same place and time.

Mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate with extreme caution and at slow speed when in the vicinity of the area, on the stipulated date.

They are to cooperate with the organisers and to comply with any instructions issued on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS and by any enforcement officers on site.

Charts affected: BA 177

26th May, 2023

TRANSPORT MALTA

**Local Notice to Mariners No. 90 of 2023**

*Fireworks Display from the Foreshore off Il-Fortizza Manoel – 30th May, 2023*

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a 5-minute fireworks display will be let off from the foreshore of Il-Fortizza Manoel on Tuesday, 30th May, 2023. The display will be centred at Point A (as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)) in the approximate following position:

| | *Latitude (N)* | *Longitude (E)* |
|---|---|---|
| A | 35° 54'.223 | 14° 30'.469 |

The fireworks display will take place at about 9.30 p.m.

In view of the above, mariners are advised to keep 60 metres away from point A on the above-mentioned date and time.

Kwalunkwe dgħajjes irmiġġati jew ankrati fiż-żona murija fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) għandhom jitneħħew matul id-data u l-ħin imsemmija hawn fuq.

Transport Malta ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara kkawżata mill-logħob tan-nar lil xi bastiment u t-tagħmir anċillari tagħha, kemm jekk tali bastiment u t-tagħmir anċillari tagħha jitħallew fiż-żona ta' sigurtà ta' 60m, jew barra dik iż-żona ta' sigurtà, mill-punt minn fejn jinħaraq il-logħob tan-nar.

Il-baħħara kollha għandhom josservaw kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kwalunkwe uffiċjali ta' infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 177

Is-26 ta' Mejju, 2023

Any boats berthed or anchored within the area shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt) are to be removed during the above-mentioned date and time.

Transport Malta will accept no liability whatsoever for any damage caused by the firework displays to any vessel and her ancillary equipment, whether such vessel and her ancillary equipment are left within the 60m safety zone, or outside such safety zone, from the point from which the fireworks are let off.

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement officers on site.

Chart affected: BA 177

26th May, 2023

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

**Sejħa għal Promotur tar-Rimonta fil-Qari (full-time) mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu**

*Numru tal-Permess tal-Jobsplus: 218/2022 (it-tmien sejħa)*

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal Promotur tar-Rimonta fil-Qari (full-time).

L-applikanti għandhom jissodisfaw dawn il-kriterji ta' eliġibbiltà sad-data tal-għeluq:

1. Baċellerat f'Livell 6 tal-MQF, jew ogħla, li jwassal għal kwalifika tal-professjoni ta' għalliem, flimkien mal-Warrant ta' Għalliem (mhux temporanju); U

2. Ċertifikat ta' Reading Recovery Teacher, jew ogħla;* U

3. Tal-anqas sentejn skolastiċi sħaħ bħala għalliem/a fis-settur primarju; U

4. Ċertifikati fil-Malti u l-Ingliż ta' Livell 3 tal-MQF, ĊES (Grad 1-5), jew ekwivalenti jew ogħla; U

5. Kompetenza fl-użu ta' applikazzjonijiet tat-Teknoloġija tal-Informatika, partikolarment MS Word u internet.

*Applikanti li ma jissodisfawx it-tieni kriterju jkunu kkunsidrati jekk diġà qegħdin isegwu t-taħriġ rilevanti u jikkommettu ruħhom li jtemmuh b'suċċess matul l-ewwel sena tal-impjieg tagħhom.

Il-kandidati magħżula mistennija jaħdmu tul dawn is-sigħat ta' xogħol:

NATIONAL LITERACY AGENCY

**Call for Reading Recovery Resource Leader (full-time) within the National Literacy Agency**

*Jobsplus Permit Number: 218/2022 (eighth call)*

The National Literacy Agency is seeking to recruit Reading Recovery Resource Leader (full-time).

Applicants must fulfil the following eligibility criteria by the closing date:

1. A teaching degree at MQF Level 6, or higher, together with the Teacher's Warrant (not temporary); AND

2. Reading Recovery teacher's certificate, or higher;* AND

3. At least two full scholastic years' teaching experience in the primary sector; AND

4. MQF Level 3 in Maltese and English, SEC (Grades 1-5), or equivalent, or higher; AND

5. Competency in the use of ICT applications, especially MS Word and internet.

*Applicants who are not in possession of eligibility criterion 2, will only be considered if they are already following the relevant training and commit to complete it successfully during their first year of employment.

Successful candidates are expected to work during the following hours:

Fix-xitwa: (mill-1 ta' Ottubru sal-15 ta' Ġunju) mis-7.15 a.m. sal-4.30 p.m.; fis-sajf (mis-16 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru) mit-8.00 a.m. sas-2.00 p.m.

Aktar dettalji dwar ir-rwol u l-kundizzjonijiet tal-impjieg, jistgħu jinkisbu minn (www.educationservices.gov.mt/nla) jew permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew bin-numru tat-telefown fuq 2598 3325.

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-ittra ta' applikazzjoni flimkien mal-ġabra tal-kwalifiki u l-esperjenzi fil-format tal-European Curriculum Vitae, kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom, ċertifikat tal-kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija u l-lista tax-xogħol li għamlu tul ħajjithom mill-Jobsplus, permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew bil-posta lil: Reklutaġġ, L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, Triq Ġużè Abela Scolaro, Il-Ħamrun ĦMR 1304, sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 9 ta' Ġunju, 2023, f'nofsinhar.

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u kmieni biżżejjed biex jaslu qabel id-data tal-għeluq. L-applikanti jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien sebat ijiem. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Is-26 ta' Mejju, 2023

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

**Sejħa għal Senior Manager full-time għall-Programmi tal-Irrakkontar tal-Istejjer u tal-Kitba mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu**

*Numru tal-Permess tal-Jobsplus: 332/2023 (it-tieni sejħa)*

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal Senior Manager full-time fuq kuntratt indefinit għall-Programmi tal-Irrakkontar tal-Istejjer u tal-Kitba.

L-applikanti għandhom jissodisfaw dawn il-kriterji ta' eliġibbiltà sad-data tal-għeluq:

**Kriterji ta' Eliġibbiltà**

1. Baċellerat fil-Livell 6 tal-MQF jew ogħla fl-Edukazzjoni JEW fl-Ingliż JEW fil-Malti; U

2. Tal-anqas ħames (5) snin sħaħ esperjenza ta' xogħol fi rwol li jinvolvi kordinazzjoni fl-edukazzjoni*; U

3. Iċ-ċertifikat tal-programm tal-Institute for Education 'Teaching Writing Skills in the Primary and Secondary

Winter: (1st October - 15th June) from 7.15 a.m. till 4.30 p.m.; Summer: (16th June to 30th September) from 8.00 a.m. till 2.00 p.m.

A detailed job description, including conditions of employment, can be obtained from (www.educationservices.gov.mt/nla) or via email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) or telephone number 2598 3325.

Candidates should submit their letter of application, together with a summary of qualifications and experience in a European Curriculum Vitae Format, a copy of their relevant scanned certificates, a valid police conduct certificate and their Jobsplus employment history, by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) or by registered post to Recruitment, National Literacy Agency, NCC, Triq Ġużè Abela Scolaro, Ħamrun HMR 1304, by not later than Friday, 9th June, 2023, at noon.

Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above deadline. Applications will be acknowledged within seven days. Late applications will not be considered.

26th May, 2023

NATIONAL LITERACY AGENCY

**Call for a full-time Senior Manager, Storytelling and Writing Programmes within the National Literacy Agency**

*Jobsplus Permit Number: 332/2023 (second call)*

The National Literacy Agency is seeking to recruit a full-time Senior Manager, on an indefinite contract, for its Storytelling and Writing Programmes.

Applicants must fulfil the following eligibility criteria by the closing date:

**Eligibility Criteria**

1. A recognised degree at MQF Level 6 or higher in Education OR English OR Maltese; AND

2. A minimum of 5 full years' work experience in a coordinating role in education*; AND

3. Successful completion of the Institute for Education programme Teaching Writing Skills in Primary and Secondary

Schools (Award)' JEW il-'Malta Writing Programme Invitational Writing Institute', JEW ekwivalenti**; U

4. It-tkomplija b'suċċess ta' kors fil-metodoloġija tal-irrakkontar tal-istejjer**; U

5. Livell għoli fil-kitba u t-taħdit kemm fil-Malti kif ukoll fl-Ingliż; U

6. Kompetenza għolja f'applikazzjonijiet tat-Teknoloġija tal-Informatika, speċjalment sistemi tal-MS Office, partikolarment Word, Access, Excel, u PowerPoint.

*Applikazzjonijiet mingħand kandidati li ma jissodisfawx it-tieni kriterju, ikunu kkunsidrati jekk l-applikanti jkollhom minimu ta' għaxar snin sħaħ esperjenza bħala għalliema.

** Fir-rigward ta' kriterji (3) u (4), applikazzjonijiet minn kandidati li jissodisfaw wieħed biss minn dawn il-kriterji huma aċċettati iżda min jintgħażel ikun mistenni li jtemm b'suċċess it-taħriġ nieqes sa tmiem it-tieni sena ta' impjieg.

L-applikanti jridu jippreżentaw evidenza dokumentata tal-esperjenza tax-xogħol tagħhom u tal-inizjattivi fil-litteriżmu, preferibbilment fl-irrakkontar tal-istejjer u/jew kitba mat-tfal u l-ġenituri/kustodji. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-applikanti bi kwalifiki addizzjonali fl-irrakkontar tal-istejjer u/jew fit-tagħlim tal-kitba fil-kuntest tal-litteriżmu bilanċjat.

Aktar dettalji dwar ir-rwol u l-kundizzjonijiet tal-impjieg jistgħu jinkisbu minn (https://educationservices.gov.mt/nla) jew permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew bin-numru tat-telefown 2598 3325.

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-ittra ta' applikazzjoni flimkien ma' informazzjoni dwar il-kwalifiki u l-esperjenzi fil-format tal-European Curriculum Vitae, kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom, ċertifikat tal-kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija u l-lista tax-xogħol li għamlu tul ħajjithom mill-Jobsplus, permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), jew bil-posta rreġistrata lil: Reklutaġġ, L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, Triq Ġużè Abela Scolaro, Il-Ħamrun ĦMR 1304, sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 9 ta' Ġunju, 2023, f'nofsinhar.

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u kmieni biżżejjed biex jaslu qabel id-data tal-għeluq. L-applikanti jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien sebat ijiem. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Is-26 ta' Mejju, 2023

Schools (Award) OR the Malta Writing Programme Invitational Writing Institute OR equivalent**; AND

4. Successful completion of a course in storytelling methodology**; AND

5. High proficiency in spoken and written Maltese and English; AND

6. High competency in ICT applications, especially MS Office systems most notably Word, Access, Excel and PowerPoint.

*Applications from candidates who do not satisfy criterion (2) above, will be considered if the applicant has a minimum of ten full years of teaching experience.

**In relation to criteria (3) and (4), applications from candidates who satisfy only one of these criteria are accepted but the successful candidate will be expected to successfully complete the missing training by the end of the second year of employment.

Applicants must present documented evidence of their working experience and must demonstrate experience in literacy initiatives preferably in storytelling and/or writing initiatives with children and parents/caregivers. Due consideration will be given to applicants who have additional qualifications in storytelling and/or the teaching of writing within a balanced literacy approach.

A detailed job description, including conditions of employment, can be obtained from (https://educationservices.gov.mt/nla) or via email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) or by telephone number 2598 3325.

Candidates should submit their letter of application, together with a summary of qualifications and experience in a European Curriculum Vitae Format, a copy of their relevant scanned certificates, a valid police conduct certificate and their Jobsplus employment history, by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), or by registered post to: Recruitment, National Literacy Agency, NCC, Triq Ġużè Abela Scolaro, Ħamrun ĦMR 1304, by not later than Friday, 9th June, 2023, at noon.

Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above deadline. Applications will be acknowledged within seven days. Late applications will not be considered.

26th May, 2023

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

**Pożizzjoni ta' Manager I (Procurement) fis-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU) fil-Ministeru għas-Saħħa**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

1. Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa, tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Manager I (Procurement) fis-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU) fil-Ministeru għas-Saħħa.

**Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet**

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assenjament ta' tliet (3) snin bħala Manager I (Procurement) fil-Ministeru għas-Saħħa, (li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra).*

2.2 Il-pożizzjoni ta' Manager I (Procurement) hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.3 Uffiċjal li jkollu pożizzjoni ta' natura definita (jiġifieri b'raġuni oġġettiva), li jinsab fl-aħħar erba' (4) xhur tat-terminu definit tiegħu, jista' japplika lateralment, anke jekk il-pożizzjoni reklamata għandha l-istess speċjalizzazzjoni li huwa għandu bħalissa.

2.4 Waqt il-perjodu ta' prova, dawk appuntati jridu jkunu temmew b'suċċess kors ta' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.5 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'din il-pożizzjoni tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC/ADAC.

**Salarju Marbut mal-Pożizzjoni**

3.1 Is-salarju ta' Manager I (Procurement) huwa ta' Skala ta' Salarju 10, li fis-sena 2023 huwa ekwivalenti għal €23,029.57 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €25,475.59.

3.2 Persuna fil-grad ta' Manager I fi Skala ta' Salarju 10 titla' fi Skala ta' Salarju 9, li fis-sena 2023 huwa ekwivalenti għal €24,494,79 fis-sena, li jiżdied b'€447.33 fis-sena sa massimu ta' €27,178.77 wara sentejn (2) servizz bħala Manager I fi Skala ta' Salarju 10, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

3.3 Persuna fil-grad ta' Manager I fi Skala ta' Salarju 9 titla' fi Skala ta' Salarju 8, li fis-sena 2023 huwa ekwivalenti

MINISTRY FOR HEALTH

**Position of Manager I (Procurement) in the Central Procurement and Supplies Unit (CPSU) within Ministry for Health**

*Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.*

1. The Director General (People Management), Ministry for Health, invites applications for the position of Manager I (Procurement) in the Central Procurement and Supplies Unit (CPSU) within Ministry for Health.

**Duration of Assignment and Conditions**

2.1 A selected candidate will enter into a three (3) year assignment as a Manager I (Procurement) in the Ministry for Health, (which may be renewed for further periods).*

2.2 The position of Manager I (Procurement) is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.3 An officer holding a position of a definite nature (i.e. with objective reason), who is in the last (4) months of his/her definite term, may apply laterally, even if the advertised position carries the same specialisation that s/he currently holds.

2.4 During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

2.5 Accepting appointment in this position signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC/ADAC positions.

**Salary Pegged to the Position**

3.1 The salary for the position of Manager I (Procurement) is Salary Scale 10, which in the year 2023 is equivalent to €23,029.57 per annum, rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €25,475.59.

3.2 A Manager I in Salary Scale 10 will progress to Salary Scale 9, which in the year 2023 is equivalent to €24,494.79 per annum, rising by annual increments of €447.33 up to a maximum of €27,178.77 on completion of two (2) years service as Manager I in Salary Scale 10, subject to satisfactory performance.

3.3 A Manager I in Salary Scale 9 will progress to Salary Scale 8, which in the year 2023 is equivalent to €26,048.25

għal €26,048.25 fis-sena, li jiżdied b'€486.83 fis-sena sa massimu ta' €28,969.23 wara ħames (5) snin servizz bħala Manager I fi Skala ta' Salarju 9, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

3.4 Persuna fil-grad ta' Manager I fi Skala ta' Salarju 8 titla' fi Skala ta' Salarju 7, li fis-sena 2023 huwa ekwivalenti għal €27,697.53 fis-sena, li jiżdied b'€531.17 fis-sena sa massimu ta' €30,884.55 wara tliet (3) snin servizz bħala Manager I fi Skala ta' Salarju 8, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

3.5 Il-persuni maħtura jkunu intitolati wkoll għal ħlas annwali marbut mal-prestazzjoni sa massimu ta' 10% tas-salarju bażiku tagħhom, marbut ma' xogħol sodisfaċenti u suġġett għall-politiki tal-amministrazzjoni ċentrali li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien.

**Dmirijiet**

4.1 Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Manager I (Procurement) jinkludu li:

i. Jipprovdi riċerka u jiġbor informazzjoni dwar il-proċess tal-ippjanar tax-xiri pubbliku f'konformità mal-għan u l-politika tal-organizzazzjoni. Jipparteċipa fl-ippjanar effiċjenti, effettiv u mmaniġġjar ekonomiku tal-finanzi u r-riżorsi umani (eż. immaniġġjar ta' tim) disponnibbli;

ii. Iżomm ruħu aġġornat mal-iżviluppi u jipprovdi deċiżjonijiet ta' xiri pubbliku u pariri ċari u soluzzjonijiet f'konformità ma' livell leġiżlattiv nazzjonali u l-UE, rekwiżiti ta' politika tax-xiri pubbliku, regoli, linji gwida, ċirkulari u materjal ieħor relatat max-xiri pubbliku;

iii. Jopera b'mod proficenti s-sit elettroniku tax-xiri pubbliku u diversi għodod elettroniċi disponnibbli għall-implimentazzjoni tal-proċeduri tax-xiri pubbliku u b'hekk jiżgura livell għoli ta' transparenza fil-proċess tax-xiri pubbliku;

iv. Jaġixxi b'mod awtonomu biex jidentifika l-bżonnijiet għal, u l-immaniġġjar ta' standards ta' proċeduri ta' xiri pubbliku, flimkien mal-ġbir ta' informazzjoni rilevanti minn sorsi varji b'mod strutturat (eż. billi jintużaw mudelli);

v. Iwettaq, janalizza, jinterpreta u jirrevedi r-riċerka tas-suq f'konformità mal-prinċipji ta' trasparenza, mhux diskriminatorji u trattament ugwali, kif ukoll etiku, privatezza, kunfidenzjalità u l-istandards tal-integrità f'konsultazzjonijiet tas-suq u impenji mal-fornituri;

vi. Jappoġġja l-implimentazzjoni tal-fażijiet kollha taċ-ċiklu tax-xiri pubbliku, u jifhem kif kull waħda tinteraġixxi mal-oħrajn;

per annum, rising by annual increments of €486.83 up to a maximum of €28,969.23 on completion of five (5) years service as Manager I in Salary Scale 9, subject to satisfactory performance.

3.4 A Manager I in Salary Scale 8 will progress to Salary Scale 7, which in the year 2023 is equivalent to €27,697.53 per annum, rising by annual increments of €531.17 up to a maximum of €30,884.55 on completion of three (3) years service as Manager I in Salary Scale 8, subject to satisfactory performance.

3.5 Appointees will also be entitled to the payment of an annual performance bonus of up to a maximum of 10% of his/her basic salary, subject to satisfactory performance and subject to Central Administration's policies in force from time to time.

**Duties**

4.1 The job duties for the position of Manager I (Procurement) include:

i. Provides research and gathers input for the procurement planning process in line with the organisational objective and related policies. Participates in the planning for efficient, effective and economical management of financial and human resources (e.g. team management) available;

ii. Keeps abreast of development and provides procurement decisions and clear advice and solutions in line with: national and EU level legislation, public procurement policy requirements, rules, guidelines, circulars and other procurement related material;

iii. Operates proficiently the electronic Public Procurement System and other electronic tools available for the implementation of procurement procedures thus ensuring a higher level of transparency in the procurement process;

iv. Acts autonomously in identifying needs for, and the management of standard procurement procedures, together with gathering relevant information from multiple sources in a structured manner (e.g. using templates);

v. Conducts, analyses, interprets and reviews market research in line with the principles of transparency, non-discrimination and equal treatment, as well as ethical, privacy, confidentiality and integrity standards in market consultations and engagements with suppliers;

vi. Supports the implementation of all phases of the procurement lifecycle, understanding how each interacts with the others;

vii. Jappoġġja l-implimentazzjoni tal-approċċ sostenibbli tax-xiri pubbliku biex jintlaħqu l-għanijiet tal-organizzazzjoni rigward is-sostenibbiltà (Green Public Procurement (GPP), Socially-Responsible Public Procurement (SRPP), kompetizzjoni ġenwina (ekwità iktar mill-ugwaljanza) u l-parteċipazzjoni tal-SME;

viii. Jiġbor l-informazzjoni meħtieġa sabiex jagħmel deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet abbażi ta' data, riskju u strateġija tax-xiri pubbliku. Jikkomunika b'mod effettiv u konċiż ma' firxa ta' partijiet interessati billi jadatta l-messaġġ kif xieraq;

ix. Jivverifika/jabbozza u jippubblika dokumentazzjoni f'konformità mar-regolamenti tal-UE u nazzjonali, politiki, regoli, kundizzjonijiet, linji gwida u mudelli;

x. Jipparteċipa b'mod attiv fil-valutazzjoni tal-offerti, evalwazzjoni u l-proċess ta' wara l-għoti li jinkludi, iżda mhux limitat għall-verifikazzjoni/preparazzjoni ta' dokumenti għal/jew minn, fost il-General/Departmental Contracts Committee, Tender Evaluation Committees, u l-abbozz ta' kuntratti u addenda;

xi. Jipparteċipa b'mod attiv fil-konsenja tal-kuntratti u funzjonijiet ta' modifika f'konformità mal-ħin tal-proġett, spiża, kwalità, skop, benefiċċji u riskji varjabbli;

xii. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

xiii. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

4.2 Kandidati magħżula jistgħu jkunu meħtieġa jwettqu dmirijiet fi kwalunkwe servizz tal-kura tas-saħħa tal-Gvern ta' Malta għad-diskrezzjoni tal-Amministrazzjoni.

**Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà**

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti jridu jkunu ċittadini ta' pajjiżi terzi u jissodisfaw ir-rekwiżiti ddikjarati fil-paragrafi 5.1 (ii) sa 5.2. Il-ħatra ta' dawn il-kandidati tkun teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja ta' impjieg safejn dan ikun meħtieġ mill-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża. Madankollu, il-kandidati li ma jissodisfawx il-ħiliet li jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u ma jkollhomx mill-inqas Livell 1 tal-MQF fil-lingwa Maltija, iridu jattendu u jgħaddu b'suċċess fl-assessjar mil-kors 'Maltese Language 1' offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi. L-attendenza għal dan il-kors flimkien mall-kisba tal-Livell 1 tal-MQF għandhom jitlestew qabel il-konferma tal-ħatra, jiġifieri fi żmien tnax-il (12) xahar mill-ingaġġ;

vii. Supports the implementation of sustainable procurement approaches for achieving the organisation's sustainability objectives (Green Public Procurement (GPP), Socially – Responsible Public Procurement (SRPP), genuine competition (equity more than equality) and SME participation;

viii. Gathers the necessary information to make data driven, risk based, procurement strategy decisions and recommendations. Communicate in an effective and concise manner with a range of stakeholders by tailoring the message accordingly;

ix. Vets/drafts and/or publishes procurement documentation in line with relevant EU and national regulations, policies, rules, conditions, guidelines and templates;

x. Participates actively in the tender assessment, evaluation and post-award process including, but not limited to: the vetting/preparation of documentation for/or by, amongst others, the General/Departmental Contracts Committee, Tender Evaluation Committees; and the drafting of contract agreements and addenda;

xi. Participates actively in the contract delivery and modifications functions in line with project time, cost, quality, scope, benefits and risks variables;

xii. Undertake any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xiii. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

4.2 An appointee may be required to perform duties in any of the health care services of the Government of Malta at the discretion of the Management.

**Eligibility Requirements**

5.1. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be Third Country Nationals and satisfy the requirements stated in paragraphs 5.1 (ii). to 5.2. The appointment of such candidates would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

ii. able to communicate in Maltese and English languages. However, candidates who do not satisfy the ability to communicate in Maltese language and do not possess at least an MQF Level 1 in the Maltese language must attend and be successful in the assessment of the 'Maltese language 1', course offered by the Institute of Public Services. Attendance to such course together with the attainment of MQF Level 1, are to be completed before the confirmation of appointment i.e. within the twelve (12) months of engagement;

U

iii. a. ikollhom kwalifika ta' Baċellerat rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti*) f'oqsma rilevanti kif determinat mill-maniġment jew kwalifika rikonoxxuta komparabbli;

JEW

b. Uffiċjali pubbliċi li lestew b'suċċess il-proċess tar-Recognition of Prior Learning (RPL) u li kienu ċċertifikati bħala eliġibbli biex japplikaw għal pożizzjoni ogħla skont il-livell indikat fuq iċ-certifikat maħruġ mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi.

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 180 krettu ECTS/ECVET, hekk kif applikabbli hija aċċetta biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

5.2 (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5.3 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet, mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

AND

iii. in possession of a recognised Bachelors degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVE credits, or equivalent*) in relevant areas as determined by management or a recognised comparable qualification;

OR

b. Public officers who have completed successfully the Recognition of Prior Learning (RPL) process and were certified as eligible to apply for a higher position in line with the level indicated on the certificate issued by the Institute for the Public Services.

*A recognised qualification comparable to 180 ECTS/ECVET credits, as applicable is only accepted subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with the application.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

5.2 (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

(ii) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

5.3 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by HR Unit of the ministry/department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

5.4 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'din il-pożizzjoni, skont 5.1 sa 5.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.4 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 5.1 to 5.3 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

5.5 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-bord tal-għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-bord tal-għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

5.5 Applicants are obliged to immediately inform the selection board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the selection board will request the candidate to declare any changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

5.6 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

5.6 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

5.7 Il-ħatra ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi tkun mingħajr preġudizzju għall-applikant li jissodisfa r-rekwiżiti kollha ta' eliġibbiltà speċifikati f'5.1 sa 5.3 hawn fuq u jiġi mogħti permess tax-xogħol skont ir-Regolamenti tal-Permess Uniku (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 217.17, tal-Liġijiet ta' Malta) kif ukoll li jkunu kapaċi jissodisfaw il-kundizzjonijiet l-oħra kollha tad-dħul fit-territorju Schengen. Kull proċess jitwettaq b'mod indipendenti u suġġett għall-ipproċessar ta' diliġenza dovuta mill-awtoritajiet kompetenti Maltin. L-applikanti li jonqsu milli jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti fi żmien (6) sitt xhur mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet jiġu skwalifikati mill-proċess tal-għażla.

5.7 The appointment of Third Country Nationals will be without prejudice to the applicant satisfying all eligibility requirements specified in 5.1 to 5.3 above and being granted a work permit in line with the Single Permit Regulations (Subsidiary Legislation 217.17 of the laws of Malta) as well as being able to fulfil all other conditions of entry into the Schengen territory. Each process is carried out independently and subject to due diligence processing by the competent Maltese authorities. Applicants who fail to satisfy these requirements within six (6) months from the closing date of the call for applications will be disqualified from the selection process.

**Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni**

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

**Submission of Supporting Documents**

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

**Proċeduri tal-Għażla**

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

**Selection Procedures**

7.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 sa 5.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

**Sottomissjoni tal-Applikazzjoni**

8.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta› nhar it-Tnejn, 12 ta' Ġunju, 2023. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

